MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 744/2007

**Anthony Bernard (ID 336575 M) ghan-nom u in rappresentanza ta' BE Communications Ltd**

**vs**

**Johann Grech (ID 101979 M) u b'digriet tat-Tribunal ta' nhar it-8 ta' Frar, 2008 giet kjamata in kawza s-socjeta' Strategic Campaigns and Consultancy Limited**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' sitt mija, sebgha u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€687.17) gja` Lm285 ghal xoghol ta' reklamar ghall-konvenut skond 'statement' anness mat-talba. Illi l-konvenut baqa' ma hallasx dan l-ammont anke wara li ntbaghtulu ittri interellatorji u ittra ufficjali. Illi l-ammont sa llum ghadu dovut u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni. It-Tribunal mitlub sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas l-

ammont kif mitlub bl-ispejjez inkluz dawk ta` l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Lulju, 2007 u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenut Johann Grech fejn ecceppixxa illi huwa mhuwiex il-legittimu kuntradittur ghat-talba ta` l-attur in kwantu huwa qatt ma kkuntratta xejn mieghu personalment u dan kif anke jirrizulta mill-invoice anness mar-risposta rilaxxata kontra Strategic Campaigns & Cons Ltd u mhux kontra l-konvenut personalment. Salv il-premess l-ebda ammont ma huwa dovut fi kwalunkwe kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi b’digriet tat-Tribunal ta’ nhar it-8 ta’ Frar, 2008 giet kjamata in kawza s-socjeta’ Strategic Campaigns and Consultancy Limited izda fis-seduta ta` l-4 ta’ Gunju, 2008 l-Avukat difensur ghas-socjeta’ kjamata in kawza iddikjara lil kumpanija nfurmatu illi m’ghandhiex eccezzjonijiet x’tipprezenta f’din il-kawza.

Ra d-dokumenti kollha  ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ Anthony Bernard, Johan Grech, Chris Abela

Il-kawza pprocediet ghas-sentenza.

IKKUNSIDRA

Illi mill-provi jirrizluta illi din  il-kawza  titratta dwar hlas ghal reklamar li sar f’rivista FM ta’ Novembru  2006. Illi jidher illi mill-booking form tal-FM Magazine kien iffirmaha l-klijent Johan Grech u li l-agenzija kienet Strategic Campaigns & Consultants Limited.

Illi r-reklamar kien sar u gie ppubblikat.

Illi mix-xhieda ta` l-attur *nominee l-booking form* kien iffirmaha Johann Grech ghas-socjeta' Strategic Campaign and Consultancy u kien baghat l-*invoice* lil din is-socjeta'. Sussegwentement induna illi l-*booking for*m kienet iffirmata minn Johann Grech.

Mix-xhieda dokumentali jirrizulta illi l-*booking form* m'hijiex cara meta ghandha l-isem '*client' u 'agency'* fl-istess kaxxa. L-attur spjega kif skond *il-booking form*, klijent seta' jingagga agent sabiex jirraprezentah.

Mill-provi dokumentali jirrizulta car illi l-klijent huwa Johann Grech, izda huwa car ukoll illi l-klijent nizzel l-isem tas-socjeta' Strategic Campaigns and Consultancy Ltd, fejn hemm il-kelma agenzija. Mill-provi rrizulta illi Strategic Campaigns & Consultancy Limited mhijiex l-agent, izda s-socjeta' li ghaliha Johann Grech kien qieghed jidher.

Illi ghalkemm jidher illi *il-booking form* ma gietx mimlija korrettement huwa car illi Johann Grech kien qieghed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kjamata in kawza.

Illi fil-*booking form* tas-socjeta' attrici fl-ahhar linja tispjega kif jezistu certi *Advertising Guidelines* li l-klijenti ghandhom jaderixxu ghalihom u li ma jinghatawx lill-klijenti sakemm dawn ma jsaqsux ghalihom. Illi fl-*Advertising Guidelines* jissemmew l-kliem '*Advertiser u Agency.'* Izda t-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm fil-*advertising guidelines* tissemma l-kelma Advertiser fil-*booking form* din il-kelma ma tezistix u ghaldaqstant minhabba din l-ambigwita' t-Tribunal ma jhossx illi ghandu jbati ghaliha l-klijent.

Mill-provi jirrizultaw ukoll illi Strategic Campaigns & Consultancy Ltd hija s-socjeta' li ghandu sehem sostanzjali fiha l-attur, illi fil-*booking form* l-indirizz imnizzel huwa dak tas-socjeta' kjamata in kawza.

Illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta' kjamata in kawza ghazlet li ma tipprezentax nota ta` l-ecccezzjonijiet. Illi ghalkemm tezisti l-kontumacja tas-socjeta' kjamata in

kawza it-Tribunal xorta wahda sema` l-provi ta’ dan il-kaz u kkonkluda illi l-*booking form* ma kienetx saret mill-konvenut f’ismu proprju izda kienet saret minn Johann Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ kjamata in kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jillibera lil konvenut Johann Grech mill-osservanza tal-gudizzju u jikkundanna lis-socjeta’ kjamata in kawza Strategic Campaigns & Consultancy Ltd thallas lis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt mija, sebgha u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€687.17).

Spejjez ghas-socjeta’ kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------